# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tletin (30) ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 186/15 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 533/15**

**Fl-ismijiet**

**Carmelo Scicluna**
**(ID M)**

**vs**

**Jun Huang**
**(ID 18550A)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresenta fit 22 ta' Gunju 2015 mir-rikorrent Jun Huang fejn ghamel referenza ghall-Ittra Ufficjali ippresentata a bazi tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li saret kontrih minn Carmelo Scicluna u li giet notifikata fl-indiriz Travellers Lodge, Pioneer Road, San Pawl il-Bahar u sahaq illi dina ma gietx lilu notifikata skond il-Ligi peress illi huwa ma jghix x'dak l-indirizz indikat, izda jghid f'indirizz iehor, jigifieri 4, Soleil Court, Flat 15, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar.

Ir-rikorrent, ghalhekk, talab sabiex, abbazi tal-Artikolu 166A (5) (i) tal-Kap 12, l-effett tat-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat Carmelo Scicluna tigi dikjarata nulla u bla effett.

Rat il-kopja tal-Ittra Ufficjali Nru 533/2015 ippresentata fit-8 ta' April 2015 u reza ezekuttiva fit-8 ta' April 2015 wara illi l-istess Ittra Ufficjali, kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll b'dik Ingliza giet notifikata lil Jun Huang fl-indirizz Travellers Lodge, Pioneer Road, San Pawl il-Bahar izda imkien ma hemm indikat data (fol 4 tergo).

Ra ir-risposta ta' Carmelo Scicluna ippresentata fit-13 ta' Awissu 2015 fejn irrileva illi l-indirizz li fih gie notifikat kien l-indirizz indikat fuq skrittura ta' cessjoni ta' kirja datata 10 ta' Marzu 2014

iffirmata bejn il-partijiet flimkien ma' terzi, u r-rikorrent kien notifikat kif trid il-Ligi bl-Ittra Ufficjali.

Ra l-iskrittura privata datata 10 ta' Marzu 2014 esebita mill-intimat Carmelo Scicluna a fol 9 tal-process.

Semghet ix-xhieda ta' **Jun Huang** moghtija fid-19 ta' Novembru 2015

Semghet il-kontro ezami ta' l-istess Jun Huang illi saret fl-4 ta' April 2016.

Rat illi fl-4 ta' April 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 16 ta' Mejju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-partjiet kienu dahlu fi ftehim fl-10 ta' Marzu 2014 fejn fond bl-indirizz Fuyi 2, Triq il-Halel, San Pawl il-Bahar, propjeta ta' Carmelo Scicluna, li kien precedentement mikri lill-Jun Huang, issa gie mikri lill persuna ohra, bl-isem ta' Yu Jinju.

Jirrizulta illi fl-istess skrittura fuq imsemmija, ir-rikorrent indika illi l-indirizz tieghu kien " 'Travellers Lodge', Pioneer Street, St. Paul's Bay ".

Jirrizulta illi, fit-8 ta' April 2015, l-intimat Carmelo Scicluna ippresenta Ittra Ufficjali kontra ir-rikorrent Jun Huang, fejn interpellah sabiex ihallas is-somma ta' erbat elef, tlett mija u sebghin Euro (€4,370) "*rappresentanti bilanc cert, likwidu u dovut, liema bilanc huwa dovut minnek ghal xoghlijiet li saru fuq struzzjonijiet tieghek fil-fond 2, Triq il-Halel, San Pawl il-Bahar.*"

Jirrizulta illi dina l-Ittra Ufficjali giet notifikata bl-indirizz Travellers Lodge, Pioneer Road, San Pawl il-Bahar, ossija l-istess indirizz indikat mir-rikorrent fl-iskrittura fuq imsemmija.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa attwalment ma jghix f'tali indirizz izda jghix fl-indirizz 4, Soleil Court, Flat 15, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, u dana skond Karta tal-Identita' nru 0160815L mahruga lilu fid-9 ta' April 2015, u minnu esebita '*animo ritirandi*' fil-proceduri odjerni (vide fol 29).

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkonferma illi l-indirizz 'Travellers Lodge', Pioneer Street, St. Paul's Bay huwa l-indirizz tal-post tax-xoghol tieghu, peress illi huwa ghandu restaurant hemmhekk, illi huwa jiggestixxi flimkien ma' diversi restaurants ohra madwar Malta u Ghawdex.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ammess mir-rikorrent stess, vide fol 25 tal-process, illi l-indiriz 'Travellers Lodge', Pioneer Street, St. Paul's Bay huwa l-indirizz tar-restaurant tieghu.

Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli wkoll ghall-proceduri intavolati abbazi tal-Artikolu 166A ta' l-istess Ligi,

*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha*

La darba jirrizulta ammess mir-rikorrent illi l-indirizz 'Travellers Lodge', Pioneer Street, St. Paul's Bay huwa l-indirizz tar-restaurant tieghu, allura jirrizulta wkoll illi l-Ittra Ufficjali giet notifikata fl-indirizz tax-xoghol tieghu, li huwa jamministra u fejn huwa jimpjiega n-nies biex imexxu l-hanut, u ghalhekk, tali notifika ghandha titqies bhala korretta.

Ghalhekk, it-talba tar-rikorrenti ma hijiex gustifikata.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk,

Wara illi semghet il-provi prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici kif dedotta.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur